

Brussell, 19 ta' Mejju 2022  
(OR. en)

8232/22

CO EUR-PREP 9

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (23 u 24 ta' Ġunju 2022) – Abbozz ta' aġenda annotata

---

*F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preżidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.*

*Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.*

*Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.*

## **I. UKRAJNA**

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza s-sitwazzjoni fl-Ukrajna fid-dimensjonijiet kollha tagħha.

## **II. KWISTJONIJIET EKONOMIĊI**

Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti s-sitwazzjoni ekonomika.

Huwa ser jiġi mistieden japprova r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi integrati u jikkonkludi s-Semestru Ewropew 2022.

## **III. KONFERENZA DWAR IL-FUTUR TAL-EWROPA**

Il-Kunsill Ewropew ser jistabbilixxi t-triq 'il quddiem dwar il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa.

## **IV. EWROPA USA'**

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni strateġika dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mas-sħab tagħha fl-Ewropa.

*[p.m.: segwitu għall-Kunsill Ewropew ta' Mejju kif meħtieġ]*